MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 327/2010

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju,**
**u f' isem il-minuri D, E,**
**F B li twieled fis-17 ta' Mejju 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Settembru 1990; li l-partijiet isseparaw de facto fl-1 ta' Dicembru 2006 meta l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali; li fis-17 ta' Mejju 2010 l-konvenuta weldet tifel bl-isem D, E F, li fuq l-att tat-twelid tieghu registrat bin-numru 2122/2010, dan gie registrat bhala bin l-attur, meta fil-fatt l-attur mhuwiex il-missier naturali ta' dan it-tifel; ghalhekk qed jitlob li din il-

Qorti [1] tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifel D, E, F B; u [2] li tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2122/2010, u li t-tifel jigi registrat bhala bin missier mhux maghruf; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, filwaqt li ssolleva li l-attur ghandu jipprova l-kaz fit-termini ta' l-artikolu 70[1] tal-Kap.16 anke bl-uzu tal-prova genetika, oppona li hu jigi assoggettat ghal xi forma ta' spejjez;

Rat li l-konvenuta baqghet kontumaci, izda b' verbal registrat fl-udjenza tas-19 ta' Jannar 2011, iddikjarat li hi kienet taqbel mat-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u r-rapport xjentifiku tad-DNA debitament mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta' denegata paternita' li permezz taghha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-minuri D, E, F, li twieled mill-konvenuta martu fis-17 ta' Mejju 2010 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, u ghalhekk qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelidd.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Settembru 1990, izda sseparaw de facto fl-1 ta' Dicembru 2006. Il-partijiet jikkonfermaw li wara din id-data huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar, u ghalhekk l-imsemmi tifel mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkorrobora t-tezi ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u, filwaqt li tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifel D, E, F li hi weldet fis-17 ta’ Mejju 2010, tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez gudizzjarji jkunu a kariku tal-konvenuta C B f’ isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------